**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 16 ta' Gunju, 2022**

**Mandat Nru: 718/2022/1 AF**

**Marvin Brincat**

**u**

**Rosette Micallef**

**vs**

**Jane Fenech**

**u**

**Emanuel Fenech**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Marvin Brincat u Rosette Micallef, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih moghtija, din il-Qorti ntalbet li zzomm l-intimati milli jezegwixxu l-permess ta' zvilupp mahrug mill-Awtorità tal-Ippjanar bin-numru PA/00274/21 intiz sabiex isir zvilupp fuq il-*maisonette* numru 9, fi Triq Nerik Mizzi, l-Mosta, liema fond jinsab sovrappost il-*maisonette* tar-rikorrenti *ossia* l-*maisonette* numru 7, fi Triq Nerik Mizzi, l-Mosta, u liema zvilupp – jekk ezegwit – ser jikkonsisiti fi "*Proposed extension above existing to create 2 additional apartments at second floor and third floor respectively. Proposed penthouse and construction of lift*."

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Jane Fenech u Emanuel Fenech u d-dokumenti maghha annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Rat l-Art. 873 et seq. tal-Kap. 12 u l-gurisprudenza estensiva fil-kuntest li minnha johrog l-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward tar-rekwiziti tal-ligi li jehtieg li jigu sodisfatti sabiex din il-Qorti tilqa' talba ghall-hrug ta' mandat ta' din ix-xorta. Doveruz l-emfasi li kull stharrig li taghmel din il-Qorti jibqa' limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn b'dana illi skrutinju profond jibqa' essenzjalment rizervat ghal kawza fil-mertu li tista' eventwalment tigi ntavolata. Dan ifisser illi cahda ta' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma twassalx bilfors ghal cahda fil-kawza fil-mertu. Bl-istess mod, mandat milqugh f'dan l-istadju ma jippregudikax l-eventwali kawza.

Il-lanjanzi tar-rikorrenti fir-rigward tal-izvilupp propost mill-intimati huma essenzjalment tnejn:

1. It-twieqi li ser jaghtu ghal fuq il-proprjetà tar-rikorrenti;

2. Il-piz zejjed fuq is-sistema antika tad-drenagg.

Fir-rigward taz-zewg hwejjeg, il-Qorti tqis li l-oggezzjoni hija fondata. Madanakollu, waqt it-trattazzjoni tar-rikors, u jirrizulta mill-pjanti godda annessi, l-intimati ikkoncedew illi t-twieqi ser ikunu rtirati 'l gewwa u jaghtu ghal fuq xorta ta' terrazzin li ghalih mhux ser ikollhom ebda access.

Inoltre huma kkoncedew ukoll illi disposti li jizviluppaw il-proprjetà taghhom b'tali mod illi ma jizdied ebda piz fuq is-sistema tad-drenagg ezistenti u tigi krejata sistema ohra indipendenti li tghaddi biss fuq il-proprjetà tal-istess intimati.

Ma jirrizultax lill-Qorti li r-rikorrenti ser jigu mcahhda mill-jedd taghhom li jqeghdu tank tal-ilma fuq il-bejt u li jkollhom access ghalih.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-26 ta' Mejju 2022 b'dana però illi t-twieqi ghandhom isiru kollha kif deskritt aktar 'il fuq f'dan id-digriet u l-istess ghandu jsir bis-sistema tad-drenagg tal-bini l-gdid.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF